

# Mitt Sena mill-Innu 'Nadurawk ja Ħobż tas-Sema'

minn Peter Paul Ciantar
peterp@maltanet.net

Inkitbu diversi artikli dwar il-famuż Kungress Ewkaristiku li kien sar f'Malta mitt sena ilu fl-1913... ġrajja li għall-istorja ekkleżjali ta' pajjiżna kienet l-akbar waħda wara l-miġja ta' San Pawl fostna u naturalment iż-żjajjar ta' żewġ Papiet f'pajjiżna li seħħew fi żmienna.




Għal dan l-24 Kungress Ewkaristiku li kien sar bejn it-23 u s-27 ta' April, kienu ġew Malta ħames Kardinali (wieħed minnhom il-Kardinal Ferrata, il-Prelat tal-Papa) u diversi isqfijiet mid-dinja kollha. F'Malta kienu saru festi kbar, kemm fil-knejjes tagħna kif ukoll fuq barra.

Jien għandi rrikordjata intervista mas-Sur Ġanni Cilia, is-Surmast tal-Iskola tal-Imġarr, dwar dak li kien ra huwa stess f'April 1913 fl-okkażjoni ta' dan il-Kungress Internazzjonali.

Niftakru jgħidli li kien baqa' impressjonat bix-xena tal-Port il-Kbir waqt it-tberik tal-baħar u l-purċissjoni grandjuża li qatt ma kien ra bħalha qabel. Is-Sur Cilia (ħu l-Monsinjur Anton Cilia ta' *Malta Missjunarja*) kien qalli fl-intervista li tant kien hemm fratelli minn Malta kollha jakkumpanjaw f'din il-purċissjoni li ħarġet mill-Konkatidral ta' San Ġwann li meta l-purċissjoni kienet waslet il-Furjana ħdejn it-tribuna armata għall-okkażjoni, il-fratelli kienu għadhom ħerġin minn San Ġwann.


**Dun Karm Psaila – l-awgur tal-innu sabiħ 'Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema'.**

## Żewġ Tifkiriet Importanti

Mitt sena wara... illum nista' ngħid li żgur ħadd ma għadu jiftakar dan il-Kungress Ewkaristiku, iżda l-memorja tiegħu żgur li tibqa' ħajja f'pajjiżna u hija mnaqqxa f'żewġ tifkiriet importanti.

Dawn huma l-Monument ta' Kristu Re ta' Antonio Sciortino (monument b'tifkira tal-Kungress) mwaqqaf xi snin wara fil-post fejn kienet saret it-Tribuna tal-Kungress, u l-innu famuż *T'Adoriam Ostia Divina* jew kif nafuh aktar *Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema*.

Dan hu innu reliġjuż u suppost huwa għal qalb il-Maltin ħafna, bi kliem ta' Dun Karm Psaila u mużika ta' Ġużeppi Caruana. L-innu oriġinarjament inkiteb bit-Taljan *T'Adoriam Ostia Divina*, u kien tkanta għall-ewwel darba minn kor tat-tfal waqt dan il-Kungress. Dan l-innu kien seraq il-qlub ta' dawk kollha preżenti.

Artiklu u studju interessanti ħafna dwar dan l-innu kitbu ħija, Dr. Philip Ciantar (*Lecturer* l-Università), u kien deher stampat fil-ktejjeb tal-festa tal-Għaqda Każin Banda San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ fis-sena 2012. Dnub li dan l-artiklu ma rajtu stampat imkien iżjed.

## Studju Riċerkat

F'dan l-istudju riċerkat, ħija jitkellem dwar it-twelid ta' dan l-innu. Hu jgħid hekk: "Kif beda dan l-innu jirrakkontah Dun Karm innifsu f'artiklu li kien kiteb fl-1944 fil-ħarġa ta' Marzu tal-ġurnal *Il-Malti*."

Dun Karm jispjega kif għodwa waħda, waqt li kien fi Triq Irjali l-Belt (illum Triq Repubblika), mar fuqu Ġużeppi Caruana u talbu jiktiblu ftit versi għal innu li kellu jitkanta waqt it-tqarbin fil-ġranet tal-Kungress.

L-għada, Dun Karm wera xi versi ta' dan l-innu lil Caruana, imma deher li l-poeta ma kienx sodisfatt bihom, tant li lil Caruana qallu li m'għoġbuhx u li kien se joħodlu xi ħaġa aħjar l-għada.

Dun Karm ikompli jispjega kif l-għada reġa' ltaqa' ma' Caruana fil-Konkatidral ta' San Ġwann u lil dan urieh dawk il-versi bit-Taljan li aktar tard inqalbu f'għadd ta' lingwi, fosthom il-Malti, minn Dun Karm stess.

Minn hawn bdiet il-mixja internazzjonali ta' dan l-innu tant sabiħ li mingħajr dubju ta' xejn jirrifletti s-solennità kbira tal-Ostja Divina magħġuna ma' ambjent sħiħ Malti.

Wara l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913, il-Knisja f'Malta kienet għamlet Kungress Ewkaristiku Djoċesan fl-1939. Dan ir-ritratt juri l-folla fuq il-fosos tal-Furjana f'waħda mil-laqgħat ta' dan il-Kungress tal-1939.





## Jitkanta għall-Ewwel Darba

Hija fl-istess kitba tiegħu jgħid li peress li l-innu kellu jitkanta mit-tfal tad-duttrina wara t-tqarbina fil-Knisja San Publiju l-Furjana, id-direttur tal-istess ċentru ħa l-inizjattiva li jistampa xi ftit kopji tal-innu. Ħa ħsieb ukoll li jagħmel bl-idejn kopji bil-mużika tal-innu biex jitqassmu flimkien mal-versi.

Sfortunatament, imma, tħallew barra minn dawn il-kopji kemm l-isem ta' Dun Karm (l-awtur) u kemm dak ta' Ġużeppi Caruana bħala l-kompożitur.

Meta tkanta, l-innu ntgħoġob ħafna, tant li xi isqfijiet barranin talbu kopja tal-mużika u l-kliem tiegħu biex jieħduhom magħhom pajjiżhom. Minn dak il-mument intilfet kull identità Maltija ta' dan l-innu internazzjonali.



**ĊENTINARJU TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI (1913-2013)**
**Il-Ħadd, 27 ta' April 1913: Fit-8.00 ta' filgħodu saret quddiesa pontifikali fil-Konkatidral ta' San Ġwann ċelebrata mill-Kardinal Legat tal-Papa u wara Benedizzjoni Papali. Fi tmiem il-Pontifikal saret purċissjoni mill-Konkatidral li mxiet lejn il-Furjana. Fiha ħadu sehem is-Soċjetajiet Kattoliċi, il-Kongregazzjonijiet, il-Konfraternitajiet, il-Kleru, il-Kappillani, il-Kapitli tal-Katidral ta' Malta u ta' Għawdex, id-Dinjitarji kollha li kienu ħadu sehem fil-Kungress, il-Kumitat Permanenti tal-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali, li l-Kumitat Ġenerali lokali u l-Korpi Kostitwiti.**

Din lilna l-Maltin tweġġagħna ħafna li innu bħal dan ma hemmx magħġun fih l-ismijiet tal-Maltin li ħolquh. Infatti s-sena l-oħra, f'Ġunju ġie fuqi ħabib tiegħi minn Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Philip Bugeja, dilettant kbir tal-*films* u qalli li kien għadu kif qara l-artiklu ta' ħija Philip dwar dan l-innu tal-Kungress *T'Asoriam Ostia Divina*.

Dan il-ħabib qalli: "Ara kemm huwa innu internazzjonali. Fil-film b'direzzjoni ta' Vittorio de Sica *Ladri di Biciclette* (1948), il-protagonist tal-*film* jidħol iddisprat fil-knisja (wara li kienu serqulu l-għajxien tiegħu u tal-familja – ir-rota) u jħoss ftit tal-mistrieħ hekk kif jisma' l-innu *T'Asoriam Ostia Divina* li kien qed jitkanta waqt it-tqarbin f'din il-knisja f'Ruma."

Qalli wkoll li fil-lista ta' ismijiet ta' dawk kollha involuti f'dan il-*film black & white* li jidhru wara l-*film*, l-ismijiet ta' Caruana u Psaila ma jidhru mkien.

Insemmi wkoll li dan l-innu kien wieħed mill-innijiet ħafna għal qalb il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fil-fatt dan ġie rrapurtat f'*L'Osservatore Romano*, il-gazzetta uffiċjali tal-Vatikan.

Jiena jiddispjaċini li dan l-innu tant sabiħ tilef l-identità Maltija, u aktar u aktar jiddispjaċini li f'pajjiżna wkoll inħoss li warrabna dan l-innu biex floku daħħalna innijiet oħrajn (anke barranin) li mingħajr tlaqliq ta' xejn ngħid li lanqas biss jibdew ħdejn dan l-innu tal-poeta Dun Karm u l-kompożitur Ġużeppi Caruana.

F'April ta'din is-sena, *T'Asoriam Ostia Divina* jew kif nafuh aħna l-Maltin *Nadurawk, ja Ħobż tas-Sema* għalaq mitt sena mit-twelid tiegħu.